**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SEBA' KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 80 - IL-ĠIMGĦA 14TA' DIĊEMBRU 2018**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fil-17:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Sindku |
| | Clinton Sammut | Viċi Sindku (wasal fid-6.15) |
| | Clifford Galea | Kunsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Alexander Agius | Kunsillier |
| | Pierre Sciberras | Kunsillier |
| | Maryanne Cuomo | Kunsillier |
| | Marlon Brincat | Kinsillier |
| | Joseph Spiteri | Kunsillier |
| Uffiċjali preżenti: | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| | Louise Mallia | Skrivana |

## 1. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI

1.1. Il-Viċi-Sindku avża lis-SE li kien se jittardja.

## 2. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

2.1. Is-SE ippreżenta l-minuti tal-laqgħa preċedenti.

2.2. Il-Kunsillier Spiteri ikkumenta dwar punt 4.4 għaliex deherlu li ma kinitx ittieħdet dik id-deċiżjoni. Meta kien ikkonfermat li l-minuti kienu tajbin ikkjarifika li huwa fil-fatt ma kienx qabel mad-deċiżjoni.

2.3. Il-minuti kienu approvati wara rakkomandazzjoni tal-Kunsilliera Cuomo ssekondata mill-Kunsillier Galea.

2.4. *Arising* minn punt 3.1, il-bieb tal-ħġieġ sar.

*2.5.* *Arising* minn punt 3.8, il-Kunsillier Gatt qed jikkordina dwar il-*bus-shelters* fejn waslet ukoll *e-mail* mingħand FACES Displays.

2.6. *Arising* minn punt 4.4, is-SE informa li s-sejħa kient ippubblikata.

2.7. *Arising* minn punt 4.5, is-SE informa li x-xogħol ta' modifika tal-*back office* beda.

2.8. *Arising* minn punt 7.1, is-Sindku pproponiet li jibda x-xogħol fuq l-ideat għall-attivitajiet biex jiċċelebraw il-25 anniversarju tal-kunsill. Dan għandu jkun diskuss fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

2.9. *Arising* minn punt 11.2, is-SE talab biex tingħata data għall-*Press conference*. Kien hemm qbil li li s-Sindku tikkonsulta mal-Kumitat Amministrattiv iżda żgur li ssir wara li jgħaddu l-festi.

**3. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**

3.1. Is-Sindku u l-Kunsill ferħu lill-Kunsillier Galea għall-okkażjoni taż-żwieġ tiegħu.

3.2. Is-Sindku u l-Kunsill ferħu lis-SE tal-kariga ġdida li ngħata bħala President tal-Federazzjoni Ewropea, UDITE.

3.3. Is-Sindku semmiet li rċeviet ittra ta' ringrazzjament mingħand Luciano Micallef tal-għoti ta' Ġieħ in-Naxxar.

3.4. Is-Sindku infurmat fil-15 ta' Novembru, tħawwlet siġra fil-Park tal-Familja f'M'Skala mill-AKL, u preżenti kien hemm is-SE.

3.5. Fit-23 ta' Novembru, fid-*Day Centre,* Tonia Grima, għallmet lill-anzjani kif isir il-ġelu fuq il-*Christmas cakes.*

3.6. Fl-24 ta' Novembru sar il-kunċert taż-żgħażagħ tal-Banda Vittorja, "Talent Żagħżugħ" u għalih attendiet hi, is-SE u l-Kunsillier Spiteri.

3.7. Fil-25 ta' Novembru sar Kunċert Strumentali fit-Teatru Manoel mill-Banda Peace.

3.8. Fid-29 ta' Novembru ngħatat id-donazzjoni ta €475, miġbura mill-attività "Reclaiming Childhood" lill- *Beating Hearts Malta.*

3.9. Fit-30 ta' Novembru ġiet organizzata b'suċċess il-Konferenza Nazzjonali " In-Nisa u l-*Addiction*" flimkien mal-OASI f'Villa Arrigo.

3.10. Is-Sindku infurmat li sar *frame* għal fuq il-*Facebook* b'verżjonijiet differenti ta' "Min-Naxxar u Kburi"*.*

3.11. B'kumplament mat-tema 34U, il-Kunsillier Galea u r-raġel tiegħu żergħu siġra maġemb il-*playing field* fl-okkażjoni taż-żwieġ tagħhom.

3.12. Fil-5 ta' Diċembru saret il-mixegħla tad-dwal tal-Milied fi Triq tal-Labour.

3.13. Fit-8 ta' Diċembru saret attività bil-parteċipazzjoni ta' kor minn Sardenia organizzata mir-Reġjun Tramuntana.

3.14. Fil-11 ta' Diċembru saret l-attività ta' Jum in-Naxxar li fiha ngħata l-premju ta' Ġieħ in-Naxxar.

3.15. Fit-13 ta' Diċembru saret l-inawgurazzjoni tal-Wirja tal-Presepji *"Divinity".*

3.16. Il-Kunsillier Gatt iltaqa' mal-Perit Cini mid-Diviżjoni tax-Xogħlijiet fuq il-post fejn waqgħet parti mill-ħajt fi Triq tal-Labour. Huwa ġie infurmat li se jittieħdu passi.

3.17. Il-Kunsillier Agius informa li m'attendiex għall-attività ta' Jum in-Naxxar peres li kien marid.

3.18. Il-Kunsillier Galea faħħar l-organizzazzjoni u l-istil ta' Jum in-Naxxar u li dan qiegħed joħloq stennija fil-lokalità minn sena għall-oħra. Dan kollu għalhekk huwa pożittiv immens.

3.19. Il-Kunsillier Gatt ikkumenta li Jum in-Naxxar donnu qed jiġi parti mill-okkażjoni tal-għoti Ġieħ in-Naxxar. Jidhirlu li għandu jkun hemm distinzjoni, ċoè li Ġieħ in-Naxxar tkun parti minn Jum in-Naxxar.

**4. TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI**

4.1. Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsillieri.

**5. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TA' RAPPORTI FINANZJARJI**

5.1. Il-Kunsill approva (nem con) l-iskeda tal-pagamenti u r-Rapporti Finanzjarji kif ġew ippreżentati mis-SE. Dan wara proposta mis-Sindku issekondata mill-Kunsillier Spiteri. Ir-rapporti huma annessi ma' dawn il-minuti.

**6. TALBA MILL-KUMITAT FESTI ESTERNI DWAR L-ARMAR TAN-NAR FIL-PJAZZA MATUL IL-FESTA TITULARI**

6.1. Il-Kunsill qabel li m'għandiex tkun deċiżjoni min-naħa tal-Kunsill, però jista joffri li jmexxi diskussjonijiet biex jara li jsiru b'mod ċivili. Is-sottokumitat għandu jidħol bħala medjatur biex jassigura li kollox imur sew. Il-Kunsillier Gatt wera x-xewqa li ma jibqax il-bżonn li jaraw li l-Għaqdiet jaqblux bejniethom. Kien hemm qbil li bħala risposta il-Kunsill għalkemm mhux obbligat, jiltaqa' mal-i*stakeholders* kollha biex joffri l-għajnuna biex ikunu jistgħu jiddiskutu bejniethom.

6.2. Saru s-6.15 u f'dan il-ħin wasal il-Viċi Sindku.

6.3. Fis-6.25 twaqqfet il-laqgħa għal ftit minuti biex ġie ppreżentat il-Premju "Ħidma b'Riżq in-Naxxar" lis-Sur John Muscat li ma setax ikun preżenti waqt iċ-ċerimonja f'Jum in-Naxxar.

**7. TIBDIL TAL-ĦINIJIET TAL-UFFIĊĊJU**

7.1. Is-SE ippreżenta skeda ta' ħinijiet ta' kif jiġu r-residenti biex jinqdew mill-uffiċċju tal-kunsill. Wara studju tal-iskeda is-SE ippropona li jinbidlu l-ħinijiet tal-ftuħ għall-pubbliku billi jibqa' miftuħ san-12.30 u wara nofsinhar mis-1.30 sat-15.00. B'dan il-pubbliku jista' jinqeda aħjar. Il-Kunsill approva.

***8. TEAM BUILDING SESSIONS***

8.1. Il-Kunsillier Sciberras iltaqa' ma' kumpanija li toffri sessjoni ta' ġurnata. Il-kwotazzjoni ta' €3750 tinkludi preparazzjoni u laqgħat qabel, intervisti, preżentazzjoni u *training*. Ma tinkludix il-post, ikel u xorb.

8.2. Il-Kunsillier Gatt ma jħossx li l-ammont hu ġustifikat meta wasal lejn l-aħħar it-term tal-kunsill preżenti u ssuġġerixxa li tiġi diskussa meta jitla' l-kunsill ġdid.

8.3. Ġie deċiż li jkun hemm laqgħa ta' spjegazzjoni kif ukoll talba għal skont.

**9. TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

9.1. Il-Kunsill qabel li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 16 ta' Jannar 2018 fil-17:30.

9.2. Il-laqgħa aġġornat fis-18:88.

**ANNE MARIE MUSCAT FENECH ADAMI**
**SINDKU**

**PAUL GATT DIP.MGMT (HENLEY), MIM**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV**